MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru. 682/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Haber]**

**vs**

**Jamila Abdelkader**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Jamila Abdelkader detentrici tal-karta tal-identita` numru 0038350A.

Akkuzat talli:
F'Data f'Dicembru 2011, bhala persuna illi mbarkat jew zbarkat, minn jew go Malta naqset illi taghti lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali tal-

Immgirazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuza kif dedotta kontriha fi stadju bikri tal-proceduri, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista’ tirregola ruhha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 qed issib lill-imputata Jamila Abdelkader hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qeghda tikkundannaha sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------